

# Il-Festi fil-Kappelli Maltin

minn Louis Fenech

Li l-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-festi huwa fatt u sinjal li dawn ser jibqgħu fil-qalb ta’ dawk id-dilettanti kollha li appena tispiċċa l-festa, tarahom jibdew jippreparaw għal li ġejja. Il-festi Maltin tbiddlu ħafna maż-żminijiet. Minn festa fil-knisja, fejn kienu jsuru l-għasar u l-quddies, bil-mod il-mod bdew joħorġu mill-knisja b’purċissjoni tar-relikwa. Dan qabel ma bdew jaslu l-istatwi tal-qaddis jew il-qaddisa, patrun tal-belt u raħal ta’ dawn il-gżejjer. Illum nafu l-festa Maltija, u l-brijju li ġġib magħha.



Illum mhux se nitkellmu fuq dawn il-festi titulari tal-parroċċi Maltin. Ser noħorġu mir-raħal jew belt u mmorru qalb il-kampanja. Ser inżuru dawn l-għadd ta’ knejjes żgħar imxerrdin fil-widien, fuq l-għoljiet jew f’truf l-irdumijiet jew qalb l-għelieqi. Insibu wkoll dawn il-knejjes żgħar jew fil-qalba inkella fi truf l-irħula.

Mons. Pietru Dusina, il-Viżitatur Appostoliku mibgħut mill-Papa Gregorju XIII fis-sena 1575, ġie biex jagħmel rapport tal-qagħda tal-knisja f’Malta, u jara li l-liġijiet mill-Konċilju ta’ Trentu qed jiġu implimentati mill-knisja Maltija. Fiż-żjara tiegħu, Mons. Dusina dar ukoll dawn il-knejjes, fejn għandna deskrizzjoni dettaljata kemm tal-kundizzjoni li kienu jinsabu, kif ukoll tal-funzjonijiet li kienu jsiru fihom. Ma ninsewx li dan kien ftit wara l-Assedju, u ħafna minn dawk il-knejjes kienu jinsabu fi stat miżeru għaliex barra li nsterqu minn oġġetti sagri, anke l-bibien u dak kollu tal-injam insteraq mit-Torok.

Dusina jgħidilna li kienu jsiru festini żgħar fejn isir l-għasar, u quddiesa għad unur il-qaddis li tkun iddedikata l-knisja. Isemmi wkoll li kien obbliga, fejn il-knisja tkun f’kundizzjoni tajba, li jinxtegħel il-lampier, u obbliga lil min kien jieħu ħsiebha jara li mill-frott tal-għelieqi li kienu marbutin magħhom jingħata lill-fqar; il-qamħ u frott ieħor wara l-festa. Fejn il-knejjes ma kinux f’kundizzjoni tajba kien ordna li jew isiru t-tiswijiet meħtieġa jew jinħattu u jinbnew mill-ġdid. Il-knejjes ma kinux ikunu armati kif nafuhom illum, iżda maż-żmien kont tieħu gost tidħol f’dawn il-knejjes armati bid-damask, gandlieri u t-titular tal-qaddis impitter fuq it-tila jew l-injam. Dan kollu sar mal-medda tas-snin, meta l-ħajja tal-Maltin bdiet tieħu r-ruħ, u wieħed seta’ jwarrab xi sold u jgħin fiż-żamma ta’ dawn il-knejjes.

Nibdew biex naraw kif dawn il-knejjes bdew huma wkoll jagħmlu l-festin ad unur il-qaddis

*Ikompli f’paġna 56*



Il-Knisja tal-Ftajjar - Ħal Luqa

jew qaddisa. Ħal Luqa hemm il-knisja ddedikata lill-Assunta, jew aħjar "Tal-Ftajjar". F'din il-knisja kienet issir festa bl-għasar u quddiesa, u wara l-qassis kien iqassam il-ftajjar lill-foqra li kienu jinġabru għal din il-festa. Tajjeb li nsemmu, li din l-użanza għadha ssir sal-ġurnata tal-lum fil-festa tal-Assunta.



Il-Knisja tal-Providenza - Siġġiewi

Jekk immorru s-Siġġiewi insibu knisja ħelwa ħafna. Din hija ddedikata lill-Madonna tal-Providenza. Il-festa tibda mill-ġurnata ta' qabel, fejn isir tiżjin fuq barra, u anke jkun hemm mixegħla. Il-kappella tintrama bid-damask u dak kollu, u l-artal bil-gandlieri u tiżjin ieħor. Tinxtegħel il-faċċata fejn anke jkun hemm armati l-bandalori. Il-festa ma tkunx kompluta jekk ma jsirx xi marċ mill-banda tar-raħal, kif ukoll xi murtali biex jagħlqu l-festa. Lejlet il-festa jsir ukoll festin u anke ssir fiera biex jinġabru ftit flus biex jittaffu l-ispejjeż tal-festa.



Santa Marija Ħal-Xluq - Siġġiewi

Knisja oħra li tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi hi dik tar-raħal żgħir ta' Ħax-Xluq. Hawnhekk tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija. Hawn ukoll bħal ta' qabilha ssir festa ħelwa ħafna li tibda min-nhar il-festa. Jintrama z-zuntier bid-dwal u l-bandalori. Issir il-fiera u anke jiġi servut xi ikel u anke jsir xi marċ żgħir mill-banda tar-raħal F'jum il-festa isir l-għasar, quddiesa kantata, u wara dan, iċ-ċelebrazzjoni tkompli barra fil-pjazzetta ta' quddiem il-knisja fejn isir xi *BBQ*. Għal din il-festa jattendu ħafna nies. Isiru wkoll xi marċi mill-banda tar-raħal kif ukoll xi logħob tan-nar.

Aħna u sejrin lejn Ħal Far, fi trejqa biswit l-Ajruport tal-Gudja twassalna għall-Knisja oħra ddedikata lill-Madonna ta' Loretu. F'din il-knisja wkoll issir il-festa tal-Madonna, fejn il-knisja tkun armata bid-damask u oġġetti oħra sagri. Il-festa tibda minn jum qabel fejn isir l-għasar u quddiesa kantata, fejn tiġi wkoll esposta l-istatwa ħelwa tal-Madonna. Il-pjazza ta' quddiem il-knisja kif ukoll it-triqat tal-madwar ikunu mżejnin bil-bnadar u l-festuni. Nhar il-festa filgħaxija issir il-quddiesa tal-okkażjoni u wara l-barka sagramentali. Wara kulħadd joħroġ barra għall-festin kif ukoll għall-banda u l-festa tispiċċa bil-logħob tan-nar. Għal din il-festa jattendu wkoll ħafna nies, mhux mill-Gudja biss imma minn kulimkien.

Knisja oħra li tinsab fl-inħawi tar-Rabat hija dik tal-Imtaħleb, iddedikata lit-Twelid tal-



L-Istatwa tat-Twelid tal-Madonna, l-Imtaħleb

Madonna. Għalkemm il-knisja tinsab 'il bogħod, iżda xorta waħda n-nies jattendu bi ħġarhom. Il-pjazza ta' quddiem il-knisja tkun armata bil-bnadar u bid-dwal għall-okkażjoni. Il-knisja minn ġewwa tkun ukoll armata bid-damask u dak kollu adekwat għall-festa li jixirqilha l-Madonna. Ma jonqos xejn aktar mill-istatwa ħelwa armata fuq pedestall dehbi poġġuta fuq bankun ċkejken. L-altar armat b'ventartal mill-isbaħ, b'żewġ settijiet gandlieri u tmien statwi tal-qaddisin. F'jum il-festa filgħaxija issir quddiesa kantata bil-paniġierku u wara barka sagramentali. Ma jonqosx li wara isir festin fejn ikun hemm xi ikel u xorb. Imma li tgħaqqad kollox hija l-banda, li tagħmel il-programm tagħha biex tallegra lil dawk preżenti.

F'dawn l-inħawi hemm ukoll il-knisja tal-Kunċizzjoni li wkoll issir il-festa. Iżda issa tajjeb ngħaddu għan-naħa l-oħra ta' Malta u mmorru Wied il-Għajn. Hemm insibu knisja ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova. Din tidħol għaliha mill-*byepass* ta' Wied il-Għajn. Hija knisja li m'ilux kienet ġiet irrestawrata kif kien jixirqilha. F'Ġunju ssir quddiesa kantata ad unur il-qaddis. Din il-knisja jżuruha ħafna nies u anke jagħtu ħafna wegħdi. Intant il-knisja tkun armata għall-okkażjoni, iżda tajjeb wieħed jgħid li l-quddiesa tiġi ċċelebrata barra l-knisja minħabba l-folol ta' nies li jattendu, u l-knisja ma tesax kwatità kbira ta' nies. Fl-aħħar tal-quddiesa jitqassam il-ħobż, anzi ħbejża żgħira li jgħidu li din il-ħbejża ddum ħafna ma ssir iebsa. Jiena dan ma nistax ngħidu għaliex ma ppruvajtx inżommha.



Il-Knisja ta' Sant' Antnin ta' Padova - Wied il-Għajn

Intant, dawn huma ftit mill-knejjes żgħar li għandna madwar il-kampanja Maltija li tajt xi ħjiel żgħir tal-festin li jsir ġo fihom. Iżda tajjeb li wieħed jgħid li l-aħjar ħaġa li wieħed għandu jagħmel biex iħossu li qed japprezza dawn il-festi fil-knejjes iż-żgħar li għandna, u ngħid li huma teżori li ħallewlna missirijietna hu li jmur u jattendi għal xi waħda minn dawn il-festi li jsiru fil-knejjes iż-żgħar li għandna. Ma nixtieqx insemmi iktar u forsi nħalli barra knejjes oħra żgħar li jiċċelebraw il-festa tal-qaddis jew qaddisa li għalihom hija ddedikata. Iżda tajjeb li insemmu ftit:

Il-Belt hemm il-knisja ta' Santa Luċija, Santa Katarina tad-Daħla fir-Rabat, żewġ festi tal-Vitorja f'Birkirkara u Ħal Qormi; San Mattew tal-Maqluba fil-Qrendi; Il-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija; Il-Madalena f'Ħad Dingli; Il-Madonna Hodigitria f'Binġemma; San Ġilja fl-Isla; San Mikiel fl-Iklin (qabel kien jagħmel ma' Ħal Lija); u oħra fil-knisja tas-Salina li tagħmel ma' Burmarrad u ħafna oħrajn, li jekk ikolli ċans inkompli nagħti aktar ħjiel ta' dawn il-knejjes żgħar f'ħarġiet oħra ta' dan il-ktejjeb.

Dawk li ħallejt barra mhux għax ridt, iżda tajjeb, kif għidt, li darb'oħra insemmu oħrajn, bir-ritratti tal-knejjes kif ukoll nagħti deskrizzjoni tal-festi li jsiru u anke meta dawn jiġu ċċelebrati.

Hekk rajna li mhux il-festi tal-patrun u l-patruna biss jiġu ċċelebrati. Iżda hemm oħrajn!